mill-ktieb biex isiru kwadri! U malajr marli l-entużjażmu. U dak il-volum goff bil-karti sofor u qodma tfajtu ġo armarju u qajla komplejt nagħti kasu. Iżda d-destin kompla jilgħab il-karti! Mela Ħadd minnhom, waqt li kont il-quddies, anzjan ħabib tiegħi, ċertu Karmenu Balzan, qalli li l-Birgu kien waqqgħu dar u tgħidx kemm kien hemm affarijiet hekk meqjusa 'imbarazz', fosthom salt kotba u faxxikli qodma. Jaf li nħobb l-affarijiet antiki, Karmenu staqsieni ridtx li jġibli xi ħaġa. Għidtlu iva, u ġabli skoss faxxikli rrumblati, sofor u b'riħa ta' umdità...kienu verżjoniet tal-Ġenna Mitlufa ta' Milton u siltiet mill-istess edizjoni tal-Commedia li kont xtrajt jien!...U fost dawn il-faxxikli nsib l-istampi kollha tad-Dorè li kelli neqsin!

Ridt intir bil-ferħ u dlonk reġa' l-entużjażmu, din id-darba mqanqal minn ħeġġa kbira li nipprova naqleb għall-Malti u nirrima dan ix-xogħol ġgantesk. Issoktajt inħażżeż xi vrus 'l hemm u 'l hawn. Bgħatthom lil Bro Henry FSC u lil Dr Ġorġ Zammit, li t-tnejn inkoraġġewni qatigħ biex nissokta. Kelli biss 26 sena dak iż-żmien, u kont inħossni maħkum minn seħer misterjuż.

Fis-sajf tal-1966 bdejt ix-xogħol bis-serjetà: għamiltu r-raison d'être ta' ħajti. Ma spiċċajtx b'kollass nervuż għax kelli ż-żgħożija u l-imħabba għax-xogħol iħaġġu ġo fija! Għall-ħabta tal-1970 lestejt u ttajpjat l-Infern. Minkejja kollox kont qed inħossni ngħajja, u kont qed naħsibha niqafx... Meta reġa' ndaħal id-Destin!

Mela Sibt minnhom filgħodu dħalt il-Belt nagħmel xi qadi u ltqajt ma' Kilin (Mikiel Spiteri) u dan, b'ton x'aktarx sarkastiku, staqsieni fiex kont wasalt fil-Commedia. Għidtlu li kont temmejt l-Infern. U bi tbissima ċinika qalli: 'S'hemm tasal taf, għax il-Purgatorju u l-Ġenna ma jagħmilhom ħadd!' Dak li ridt. Kliem Kilin qanqal fija l-għaxqa tal-isfida. U meta mort id-dar, bdejt il-Purgatorju (f'kull sens!). Issoktajt bil-ħidma sfiqa tiegħi, dejjem aktar iebsa minn qabel. Tbatija fiżika u emozzjonali li, għal darb'oħra, (kważi) kissritni. Iżda ssoktajt, u fl-1986, wara 20 sena ta' martirju li ma jitfissirx, ħażżist l-aħħar vers tal-Ġenna!

U bdiet tbatija oħra, aktar iebsa! Fl-1991, b'sagrifiċċju enormi stampajt il-Commedia spejjeż tiegħi; u meta l-psewdo-intelletwali Maltin b'ħafna ittri wara isimhom intebħu bix-xogħol tiegħi tathom rashom. Ma ridux jemmnu...iben ħaddiem umli fit-tarzna, li qatt ma rifes l-għatba tal-Università, jaqleb id-Divina Commedia bil-Malti!!! Kif jista' jkun! U bdiet tintuża l-aktar arma kiefra li setgħu jużaw: dik li jinjoraw ix-xogħol għalkollox.

Fost dawn kien hemm Mario Serracino Inglott, iben Erin, li qabeż fuqi bħal tigra feroċi, jikkontendi li kien missieru li qaleb l-ewwel il-Commedia sħiħa (sic) għall-Malti u dan fuq il-fatt preżunt li Erin kien lesta x-xogħol kollu. B'danakollu Erin kien stampa biss l-Infern; il-Purgatorju u l-Ġenna tiegħu ħadd qatt ma rahom! U barra minn hekk ix-xogħol tiegħu ma kienx irrimat! U naturalment, il-kruċjata kontrija issoktat aktar ħarxa! Għajnuna finanzjarja mingħand ħadd u minn imkien; il-bibien kollha magħluqin. Iżda b'Alla miegħi ma qtajt qalbi qatt! Ix-xogħol sab jistennewh tliet xorta ta' qarrejja: il-psewdo-intellettwali għajjurin, li komplew jinjoraw xogħli, il-faxxa tan-nofs, li l-aktar li apprezzatu (u xtratu), u dawk li ma kien jimpurtahom assolutament xejn minn dak li kont għamilt!

U l-katarsi waslet fl-2008, meta rċevejt stedina minn Ravenna biex nieħu sehem fil-Progetto Dante 2008 fejn, barra li żort il-qabar ta' Dante u qrajt it-traduzzjoni tiegħi bil-Malti ta' Canto II tal-Purgatorju quddiem udjenza numeruża fil-Katidral ta' San Francesco, ingħatajt ukoll il-Lauro Dantesco, sewwasew ftit ġimgħat wara li xi ħadd mill-Università ta' Malta kien għarraf lil Roberto Benigni, li kien ġie Malta għall-Honoris Causa, li Malta ma kellhiex traduzzjoni bil-Malti tal-Commedia!!! X'ironija!

Iżda ż-żejt dejjem tela' f'wiċċ l-ilma. Biex qlibt dan l-akbar kapolavur letterarju ta' kull żmien, jien tajt żgħożiti kollha. Kif jiġri dejjem, batejt ħafna mill-għira ta' dawk li fehmu x'kont għamilt u ħalfu li jinjoraw lili u xogħli. Bosta minnhom illum ġralhom bħal San Pawl fi triqtu lejn Damasku; qegħdin ifaħħru xogħli m'ogħla s-sema.

Raw id-dawl tarax! Sinċerament ma nemminx li din hi kwestjoni ta' konverżjoni; aktarx hi affettazzjoni! Ma jistax ikun mod ieħor. Illum huwa fatt rikonoxxut li t-traduzzjoni tiegħi hija l-unika waħda bil-Matli sħiħa u irrimata, u dan il-fatt ikkonfermatu Ravenna b'mod uffiċjali, u huwa fatt li ma jista' jmerih ħadd!

### Tkellimna mal-Professur Charles Briffa dwar It-Traduzzjoni ta' Dante għall-Malti

It-traduzzjoni tagħtina aċċess għal-letteratura. Jekk tkun traduzzjoni intralingwali, nifhmu aktar il-letteratura tagħna (kemm jekk tkun letteratura tal-imgħoddi u kemm jekk tkun letteratura kontemporanja); u jekk tkun traduzzjoni interlingwali, nifhmu ftit mil-letteratura ta' ħaddieħor – f'dan il-każ jista' jkun hemm aktar minn verżjoni waħda skont l-interpretazzjoni tat-tradutturi.

Bħala traduzzjoni interlingwali din il-ħabta qed nitkellmu fuq it-traduzzjoni tad-Divina Commedia. Imma ħa naraw silta mill-ġrajja Maltija ta' traduzzjoni bħal din. Hija traduzzjoni mit-Taljan tal-bidu tas-seklu 14 għall-Malti, għax Dante Alighieri (ċ.1265-1321) beda d-Divina Commedia għall-ħabta tal-1308 u lestieha fl-1320, ftit qabel ma miet. Fil-ġrajja Maltija kien hemm diversi tentattivi biex jaqilbuha għal ilsienna. Bejn l-1864 u l-1991, id-Divina Commedia nqalbet sħiħa għall-Malti tliet darbiet (minn Alfred Edward Borg, Erin Serracino Inglott, u Alfred Palma), u nqalbu siltiet minnha diversi drabi (minn oħrajn). Din il-lista li ġejja turi t-tentattivi ewlenin.

1864: Richard Taylor (1818-1868) ittraduċa "Il-Konti Ugolino", silta mid-Divina Commedia Kant XXXIII tal-"Inferno";

1899: Ġanni Sapiano-Lanzon (1858-1918) ippubblika Kant XXXIII tal-"Inferno": "Il-Konti Ugolino"; imbagħad fl-1905 Sapiano Lanzon ittraduċa l-Kant XXXIII ta' "L'Inferno" fi proża;

1905: Alfred Edward Borg ittraduċa b'tifsiriet La Divina Commedia sħiħa – parti minn "Il-Ġenna" ttraduċiha Arturo Caruana (1876-1919);

1913: Ġanni Sapiano Lanzon ippubblika Kant V tal-"Inferno" f'poeżija bil-Malti;

1964: Erin Serracino Inglott (1904-1983) ippubblika Dante Alighieri: Id-Divina Commedia bil-Malti – L-Infern (fl-Istamperija tal-Gvern); il-bqija ttraduċihom ukoll, imma dawn qatt ma ġew ippubblikati;

1966: P.Joseph Cremona ppubblika bil-Malti d-daħla ta' Kant III tal- "Inferno" blisem ta' "Il-Bieb tal-Infern";

1991, 2021: Alfred Palma, ippubblika Id-Divina Commedia sħiħa bil-Malti.

### It-traduzzjoni ġeneralment tirrifletti l-istil tal-perjodu ta' meta ntgħamlet.

It-traduzzjonijiet li semmejt neħodhom mhux biss bħala sostituti tal-oriġinal imma wkoll bħala kummentarji fuq it-test sors – għax it-traduzzjoni hija dejjem interpretazzjoni: hija qarja plass reazzjoni miktuba għal dak il-qari. Huma xogħlijiet li jgħarrxu fit-tifsir tat-test kumpless biex jifhmu kemm jistgħu x-xejriet denotattivi u konnotattivi tad-Divina Commedia. Imma kull traduzzjoni tiġi ddeterminata (għall-inqas) minn dawn il-fatturi biex tinżamm l-integrità artistika tal-oriġinal:

- l-interpretazzjoni tattest sors – x'att/i personali jwassal/iwasslu lit-traduttur-qarrej biex jifhem l-oriġinal?
- l-intenzjoni komunikattiva tat-test targit – għal min hi intenzjonata u għal liema skop intgħamlet?
- l-espressjoni tat-test targit – x'għażliet jagħmel it-traduttur-kittieb biex jesprimi dak li fehem?

Il-biċċa l-kbira ta' dawn it-tentattivi letterarji jimxu fuq il-prinċipju tal-forinizzazzjoni għax iħallu lil Dante viżibbli minkejja li l-ħidma titlob li t-tradutturi Dantisti jagħmlu l-poeżija barranija tal-imgħoddi f'poeżija Maltija tal-preżent partikulari tagħhom (skont il-poetika dominanti ta' żmienhom). It-traduttur Malti fehem mal-ewwel li t-traduzzjoni tfisser li hu kien se jimporta lil Dante. U meta nħarsu lejn il-funzjoni tat-traduttur fil-ġrajja Maltija nsibu li (speċjalment) it-tradutturi Maltin bikrin, minbarra li kellhom l-għan li jseddqu l-librerija Maltija, riedu jidentifikaw irwieħhom mal-ideoloġija Kattolika. Jiġifieri, it-traduzzjoni kellha l-potenzjal li sservi bħala forza li ssawwar u ssaħħaħ it-twemmin Nisrani; kellha tħalli effett li jħeġġeġ l-identità kulturali tal-Kattoliku.

### Tkellimna ma' Patrick Sammut

Id-Divina Commedia ta' Dante Alghieri, li għandha iktar minn 700 sena, taqbeż l-14-il elf endekasillabu, mela versi ta' ħdax-il sillaba, mqegħdin f'terzini jirrimaw.

Bħala xogħol sħiħ ġiet maqluba f'aktar minn 55 ilsien differenti, inkluż il-Malti. Alfred Palma żamm l-endekasillabu u t-terza rima u ħaddem Malti mill-isbaħ u li jdoqq għall-widna tassew. Dan jgħiduh kemm il-Maltin li jisimgħu d-Divina Commedia moqrija bil-Malti ta' Palma, kif ukoll il-barranin. Anki jekk ma tifhimx il-Malti, il-verżjoni ta' Palma tinstema' ritmikament pjaċevoli, filwaqt li t-taħlita ta' Malti Semitiku-Romanz, mela kliem li ġej mill-Għarbi u ieħor mit-Taljan, tagħmel minn dan ix-xogħol kapulavur fih innifsu. Kemm faħħruna t-Taljani meta semgħu lil Palma jaqra kant tad-Divina Commedia bil-Malti fil-Bażilika ta' San Franġisk f'Ravenna fl-2008, u meta jiena qrajt partijiet mill-Canto 5 tal-Infern b'ilsienna waqt avveniment letterarju internazzjonali li sar online fit-8 ta' Marzu 2021!